MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2025

Appell Inferjuri Numru 83/2024 LM

**Juan Estaban Zarate Ortega (K.I. nru. 413685A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Identità**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Juan Estaban Zarate Ortega (K.I. nru. 413685A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Lulju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fl-ismijiet fuq

premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent kontra l-intimata **Identità** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Therefore, after having read the relative submissions and due to the above reason, the Board rejects this appeal.*
>
> *The Board orders notification of this decision to the Principal Immigration Officer."*

## **Fatti**

2. Ir-rikorrent kien għamel applikazzjoni sabiex jingħata Permess Uniku ta' xogħol u residenza ġewwa Malta, liema applikazzjoni kienet ġiet miċħuda mill-intimata b'ittra tal-31 ta' Awwissu, 2023.

## **Mertu**

3. Ir-rikorrent, ċittadin Kolombjan, fit-13 ta' Lulju, 2023 applika sabiex jingħata permess ta' residenza u xogħol ġewwa Malta, iżda permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-31 t'Awwissu, 2023, huwa ġie infurmat mill-intimata li t-talba tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata għaliex kien hemm oġġezzjoni min-naħa ta' Jobsplus. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li in vista ta' din id-deċiżjoni, huwa ma kellu l-ebda raġuni oġġettiva għalfejn jibqa' f'Malta, u li t-tkomplija tas-soġġorn tiegħu f'Malta kien bi ksur tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni fit-3 ta' Ottubru, 2023 quddiem il-Bord.

4. L-intimata wieġbet li kull appell minn xi deċiżjoni tagħha jrid jiddaħħal fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem ta' xogħol, u fil-każ odjern, filwaqt li d-deċiżjoni tagħha ngħatat fil-31 t'Awwissu, 2023, u ġiet ikkomunikata lill-appellant fl-istess ġurnata, l-appell iddaħħal quddiem il-Bord fl-4 ta' Ottubru,

2023, jiġifieri wara ż-żmien stipulat mil-liġi. L-appellata qalet li l-appellant naqas milli jipprova li huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tagħha f'xi data sussegwenti. Qalet ukoll li mhuwiex possibbli għaliha li tirrispondi għar-rikors tal-appell tal-appellant għaliex dan naqas milli jispeċifika l-aggravji li qiegħed jappella minnhom. Żiedet tgħid li hija għamlet l-verifiki mal-Bord sabiex tistabbilixxi jekk l-appellant għamilx sottomissjonijiet ulterjuri sas-7 ta' Marzu, 2024, imma hija ġiet infurmata mill-Bord li dan ma kienx sar. L-appellata qalet li għalhekk l-appell ippreżentat mill-appellant għandu jitqies li huwa *fuori termine.* Spjegat li fil-31 t'Awwissu, 2023 hija ħarġet ittra ta' rifjut għaliex filwaqt li kienet qiegħda twettaq eżerċizzju ta' diliġenza xierqa, hija stabbiliet li l-applikazzjoni tal-appellant ma kinitx rakkomandata għall-approvazzjoni minn JobsPlus għaliex ir-rwol u s-servizzi li huwa kellu jagħti f'Malta ma kinux għadhom meħtieġa aktar. L-intimata spjegat li Jobsplus hija l-aġenzija responsabbli mill-ħruġ ta' liċenzji lil ċittadini minn pajjiżi terzi sabiex dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta, u għalhekk hija din l-aġenzija li trid tkun konvinta li hemm biżżejjed xogħol għall-applikant u li hemm ħtieġa ġustifikata għas-servizzi tiegħu f'Malta. Qalet li fis-16 t'Awwissu, 2023, uffiċjal minn Jobsplus infurmaha li l-applikazzjoni tar-rikorrent ma kinitx qiegħda tiġi rakkomandata għall-approvazzjoni, għaliex il-prinċipal prospettiv tiegħu naqas milli jagħti l-*feedback* meħtieġ waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu, u għalhekk kien qiegħed jitqies li ma kienx hemm aktar ħtieġa ġustifikata għax-xogħol tiegħu. Qalet li kien għalhekk li hija ħarġet ittra ta' rifjut lir-rikorrent, u dan in linea mal-artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Il-Bord, fid-deċiżjoni tiegħu, ċaħad it-talbiet tar-rikorrent wara li qies li l-appell tiegħu ġie intavolat *fuori termine,* u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Preliminary***

*The Board:*

*Noted that in virtue of a decision issued on 31st August 2023, Identità stated that the appellant's single permit was refused due to the fact that the need for the appellant's position and for his services in Malta have not been justified;*

*Noted the application form and letter of appeal, through legal counsel, dated 3rd October 2023.*

*Noted the appeal registered on 4th October, 2023; and*

*Noted Identità did not file a reply.*

***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zard et vs. Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board notes the following documents in the appellant's file:*

- *Identità's refusal letter;*
- *The application form and letter of appeal;*
- *The Board's registered receipt of the appeal;*
- *An email;*
- *Passport details;*

- *Food Handler Training Certificate;*
- *Identità's application receipt;*
- *Employment contract;*
- *Accomodation agreement; and*
- *Residence permit receipt of payment.*

*The Board declares this appeal as '***fuori termine***' since it has been filed beyond the time period established by law during which one may appeal against the said decision. Therefore, the Board will not go into the merits of this case, but refers to the following Court Judgment:*

***Carla Maria Parodi Iribarren vs The Director of Citizenship and Expatriates Affairs,*** *delivered by Judge Lawrence Mintoff on 26th November 2021. The Court of Appeal held that:*

"Is-subartikolu in kwistjoni jagħmilha ċara illi t-terminu tal-appell ta' tlett ijiem għandu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni stess."

*The same was reaffirmed in the judgment* ***Dhakai Prakash vs The Director of Citizenship and Expatriates Affairs****, delivered by Judge Lawrence Mintoff on 16th May 2022.*

*Sub-Article 25A (7 of Chapter 217) holds that:*

"Any appeal has to be filed in the Registry of the Board within three working days from the Decision subject to appeal."

*The Board further refers to the following Court judgment:*

***Vipul Kummar Manubhi Vipul vs l-Aġenzija (Central Visa Unit) Identità –*** *9/2023 LM – decided September 2023 by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction).*

*Il-Qorti fakkret "*<u>li t-termini li fihom iridu jsiru appelli huma termini perentorji ta' ordni pubbliku, u għalhekk għandhom jiġu osservati, sakemm ma jkunx hemm raġuni għalfejn il-Qorti jkollha għalfejn tikkonkludi li l-appellant ma jkunx ġie notifikat jew ma jkunx ġie notifikat fid-data indikata mill-appellata</u>."

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fit-3 ta' Ottubru, 2024, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tat-24 ta' Lulju, 2024, u tibgħat l-atti lura lill-Bord sabiex wara li jisma' lill-partijiet, jgħaddi għad-deċiżjoni; jew fin-nuqqas, wara li tisma' lill-partijiet u tiddeċiedi dwar il-mertu, tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tordna lill-Aġenzija appellata sabiex toħroġ favur l-appellant il-permess ta' residenza mitlub, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Aġenzija appellata."*

7. L-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex (i) mhuwiex minnu li l-pożizzjoni tal-appellant mhijiex bżonnjuża; (ii) huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni ta' Identità bil-posta elettronika, li mhuwiex mezz adegwat ta' notifika; (iii) huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni appellata fil-25 ta' Settembru, 2024.

8. L-appellata wieġbet li anki r-rikors tal-appell odjern huwa irritu għaliex ma sarx fi żmien għaxart ijiem mid-deċiżjoni appellata. Tgħid ukoll li l-appell huwa null u inammissibbli *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u fi kwalunkwe każ id-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Ewwel Aggravju:* *[Dwar in-noti preliminari tal-Bord rigward id-deċiżjoni ta' Identità]*

9. L-appellant jikkontendi li Identità kienet qalet li l-pożizzjoni tiegħu u s-servizzi tiegħu mhumiex ġustifikati, imma wara li l-appellant kien ippreżenta l-appell tiegħu fit-3 ta' Ottubru, 2023, hija ma ressqet l-ebda risposta. Qal ukoll li l-pożizzjoni li huwa kien ser jaħdem fiha hija ferm bżonnjuża, u l-kumpannija

Abrazo Management Limited (C 106173) li kienet ser tingaġġah magħha, kienet u għadha kontinwament tfittex li tingaġġa aktar ħaddiema. Qal li għalhekk l-appellata ma ħadet l-ebda konjizzjoni tal-bżonn tal-pożizzjoni tiegħu.

10. L-appellata laqgħet għal dan billi qalet li l-Bord b'mod preliminari kkunsidra x'kienet ir-raġuni mogħtija minn Identità għar-rifjut tagħha, u ma kien qiegħed jgħaddi l-ebda ġudizzju dwar jekk huwa jaqbilx ma' din ir-raġuni jew le, u f'dan l-istadju l-Bord kien għadu lanqas biss beda jeżamina l-argumenti tal-partijiet. L-appellata qalet li għalhekk dan l-aggravju għandu jitqies li huwa wieħed fieragħ u vessatorju.

11. Il-Qorti tqis li mhuwiex minnu li l-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell intavolat mill-appellant quddiem il-Bord, tant hu hekk li fir-risposta tagħha din spjegat li Jobsplus ma kinitx irrakkomandat li l-applikazzjoni tal-appellant tiġi milqugħha, għaliex il-prinċipal prospettiv tiegħu naqas milli jagħti l-*feedback* mitlub minnu meta kien qiegħed isir l-eżerċizzju ta' diliġenza xierqa. Jirriżulta wkoll li l-Bord ma ppronunzjax ruħhu dwar jekk huwiex minnu li x-xogħol u s-servizz li kellu jagħti l-appellant ġewwa Malta kienux għadhom meħtieġa jew le, u din ma kinitx ir-raġuni prinċipali għalfejn ir-rikors tal-appell tiegħu ġie miċħud. Ir-rikors tal-appell tal-appellant ġie miċħud wara li ġie stabbilit li dan daħħal ir-rikors tal-appell tiegħu ferm wara li kien skada t-terminu perentorju stabbilit mil-liġi, u għalhekk il-Bord irrifjuta li jieħu konjizzjoni tal-appell fil-mertu. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-proċedura użata mill-Bord]*

12. L-appellant spjega li huwa kien applika għal Permess Uniku mal-appellata, u l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda fil-31 t'Awwissu, 2023. Qal li dik id-deċiżjoni ġiet komunikata lilu aktar tard. Qal ukoll li huwa ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-appellata permezz tal-posta elettronika, li skont l-appellant dan mhuwiex mod adegwat kif issir notifika. Qal ukoll li l-Bord kien skorrett meta ddeċieda li l-appell tiegħu kien *fuori termine,* u dan għaliex id-data minn meta għandu jibda jiddekorri t-terminu għall-appell, għandha titqies li hija d-data meta l-appellant jiġi notifikat bid-deċiżjoni minn Identità. Qal li ladarba wieħed ma jistax iqis notifika f'indirizz elettroniku bħala mezz effettiv ta' notifika, ma jistax jingħad li l-appell tiegħu kien *fuori termine.* L-appellant qal li dan jammonta għal leżjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, u għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ.

13. L-appellata qalet li pemezz ta' dan l-aggravju, l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti teżamina l-fatti u mhux il-legalità tal-appell, liema eżami ma jistax isir f'dan l-istadju. Kompliet tgħid li kieku l-appellant ried li jikkontesta d-data meta rċieva d-deċiżjoni tal-appellata, huwa kellu jagħmel dan quddiem il-Bord, u mhux jintavola appell fit-3 ta' Ottubru, 2023 minn deċiżjoni tal-appellata datata l-31 t'Awwissu, 2023 mingħajr spjegazzjoni, u jistenna lill-Bord jagħmillu xogħlu. Qalet li skont il-formula appożita, kien l-appellant stess li indika li huwa kien ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-appellata fil-31 t'Awwissu, 2023, u li kien qiegħed jintavola l-appell tiegħu fit-3 ta' Ottubru, 2023. L-appellata qalet li meta hija stess ressqet eċċezzjoni preliminari dwar it-tardività tal-appell quddiem il-Bord, l-appellant xorta waħda ma ressaq l-ebda argument

sabiex jirribatti din it-tardività. Qalet ukoll li mhuwiex ikkontestat li l-ittra elettronika ntbagħtet u waslet għand l-appellant, u li ittra elettronika titqies bħala mezz ta' komunikazzjoni bil-miktub. L-appellata qalet li l-liġi trid li għall-fini tat-terminu tal-appell, titqies id-data tad-deċiżjoni u mhux id-data tan-notifika, u fil-każ odjern id-data tad-deċiżjoni hija l-31 t'Awwissu, 2023. Qalet li b'hekk il-Bord m'għamel l-ebda żball fl-interpretazzjoni tad-data, u dan l-argument tal-appellant għandu jfalli wkoll. L-appellata qalet li t-termini legali ma jibdewx jgħoddu minn dakinhar li persuna tiddeċiedi li tiftaħ u taqra ittra elettronika mibgħuta lilha, u m'hemm l-ebda raġuni għalfejn fil-każ odjern terminu perentorju u ta' ordni pubbliku għandu jiġi estiż.

14. Il-Qorti tirrileva li f'każijiet ta' din ix-xorta, l-applikant jintalab jipprovdi d-dettalji tal-indirizz elettroniku tiegħu, u għalhekk huwa leġittimu li l-applikant jistenna li n-notifika ta' korrispondenza uffiċjali mill-appellata titwassal għand l-applikant bil-mezz tal-posta elettronika. Notifika b'mezz diġitali xorta waħda titqies li hija notifika valida, u fil-każ odjern jirriżulta li l-inkartament relattiv għall-appell intavolat mill-appellant, jindika li d-deċiżjoni li kien qiegħed jappella minnha, kien irċevieha fil-31 t'Awwissu, 2023. L-appellant imkien ma indika jew ipprova jispjega x'kien li wasslu biex jintavola r-rikors tal-appell tiegħu aktar minn xahar wara li ngħatat id-deċiżjoni mill-appellata. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż minnha fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Anu Thapa *vs.* Identità**[1], fejn ingħad illi:

> *"17. Il-Qorti tqis li mhijiex aċċettabbli s-sottomissjoni tal-appellanta li d-data tal-appell għandha tintrabat mad-data meta d-deċiżjoni tal-appellata tiġi notifikata lill-appellanta permezz tas-servizz postali, ladarba kienet l-appellanta stess li pprovdiet*

[1] 05.02.2025.

*l-*email address *tagħha lill-appellata, u għalhekk kienet mgħarrfa li l-korrispondenza uffiċjali magħha setgħet tintbagħat lilha bil-mezz elettroniku. Il-leġislatur stabbilixxa terminu perentorju għal meta għandhom jiġu ppreżentati appelli minn deċiżjonijiet tal-appellata, u dawn it-termini għandhom jiġu rispettati.*

*18. L-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 jipprovdi illi:*

*"Kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għal appell."*

*19. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li s-sottomissjoni tal-appellanta li t-tliet ijiem għall-preżentata tal-appell, għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni bis-servizz postali, ma ssib l-ebda konfort f'dak li tgħid il-liġi, u dan għaliex it-tliet ijiem tax-xogħol huma preżunti li jiddekorru mid-data tad-deċiżjoni. Għalhekk, b'dan it-test tal-liġi, il-leġislatur kien qiegħed jirresponsabbilizza lill-applikant sabiex isegwi l-proċess li permezz tiegħu ser tingħata d-deċiżjoni, u jassigura li jkun infurmat fil-ħin bid-deċiżjoni tal-appellata, sabiex jekk ikun hemm il-ħtieġa, isir appell minn dik id-deċiżjoni. Fil-każ preżenti ma ġarax hekk, u huwa għalhekk li l-Bord qies li l-appell tal-appellanta ġie ppreżentat tardivament."*

15. Fil-każ odjern, kien proprju l-appellant stess li indika li huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-appellata fil-31 t'Awwissu, 2023, jiġifieri dakinhar stess li ngħatat. L-appellant imkien ma jittenta jgħid li huwa ma ġiex notifikat bid-deċiżjoni tal-appellata permezz ta' *email*, u jgħid biss li n-notifika tad-deċiżjoni permezz ta' *email* mhijiex forma ta' notifika valida. Il-Qorti tirrileva li l-appellant kien jaf li huwa ntalab jipprovdi l-indirizz elettroniku tiegħu għaliex kien ser ikun hemm korrispondenza b'mezzi diġitali, u għalhekk ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jiddelunga milli jiftaħ l-*email* li rċieva mingħand l-appellata, meta huwa kien qiegħed jistenna risposta mingħandha dwar l-istatus tiegħu f'Malta. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk, din il-Qorti tqis li anki it-tieni aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[In-nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' proċedura mill-Bord]*

16. L-appellant qal li d-deċiżjoni appellata li minnha qiegħed jiġi intavolat dan l-appell, ġiet notifikata lilu fil-25 ta' Settembru, 2024, kif jirriżulta mit-timbru fuq il-kopja tad-deċiżjoni esebita minnu. Qal li għalhekk id-data tal-25 ta' Settembru, 2024 għandha titqies bħala d-data tan-notifika tiegħu, u żied jgħid li s-seduti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ma jsirux fil-miftuħ, sabiex b'hekk persuna li tkun ingħatat deċiżjoni fil-konfront tagħha mill-Bord, ma tkunx taf li għandha tattendi biex tiġbor id-deċiżjoni jekk ma tirċievix komunika f'dan is-sens.

18. Min-naħa tagħha l-appellata qalet li l-appellant kien diġà ntalab jiġbor id-deċiżjoni tiegħu permezz ta' ittra mibgħuta fl-indirizz postali indikat minnu fil-formola tal-appell, u kien biss meta ntalab jagħmel dan għat-tieni darba li huwa mar jiġborha. Qalet li dan kien unikament nuqqas tal-appellant, u billi huwa ma marx jiġbor id-deċiżjoni, bir-riżultat li l-Bord kellu jerġa' jibgħatlu t-tieni avviż, ma jfissirx li t-terminu tal-appell ma kienx beda jiddekorri. L-appellata għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, fejn ingħad li t-terminu tal-appell huwa wieħed perentorju, u għalhekk mhux soġġett għall-estensjoni.

19. Il-Qorti tqis li anki jekk jirriżulta li l-appellant ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Bord fil-25 ta' Settembru, 2024, il-mertu tal-appell tiegħu diġà ġie eżawrit, hekk kif ġie stabbilit li l-appell imressaq minnu quddiem il-Bord kien *fuori termine.* Għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda konsiderazzjonijiet ulterjuri x'tagħmel dwar dan l-aggravju partikolari.

20. L-appellata qalet ukoll li anki l-appell mid-deċiżjoni tal-Bord huwa null u inammissibbli, għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217, appell minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jista' jsir biss fuq punt ta' dritt

fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III. Qalet li l-appellant mhux persuna msemmija fit-Taqsima III, ladarba la huwa ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi stat li hu marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera.

21. Din il-Qorti diġà esprimiet ruħha diversi drabi dwar il-fatt li f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-appellant ma jinstabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, u dan għaliex għad irid ikun hemm eżitu finali għall-appell odjern sabiex din il-kwistjoni tiġi determinata darba għal dejjem. Huwa għalhekk li l-jedd tal-applikant li jressaq appell, m'għandux jiġi eskluż *a priori.*

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**